**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 3 ta' Marzu, 2025

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darryl Borg)**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**-vs-**
**Joseph Zahra, detentur tal-Karta tal-Identità nru. 0293553M**

*Kumpilazzjoni Nru. 117/2024*

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat **Joseph Zahra** u ċioè talli:

1. **Nhar id-9 ta' Jannar 2024 bejn is-sagħtejn u tlieta ta' wara nofsinhar u/jew fil-ħinijiet ta` qabel, ġewwa l-Bini tal-Qorti, Il-Belt Valletta**, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta 'xorta oħra li ma titqies vjolenza pubblika kontra persuna inkarigati skond il- liġi minn servizz pubbliku u cioe' SM 043 Paul Dimech, filwaqt li kien qed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni moghtiija skond il- liġi mill-awtorità kompetenti;
2. **U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi**, inġurja, hedded u/jew għamel offiża fuq il-persuni tas- SM 043 Paul Dimech, persuna inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu, kontra il-liġi fl-eżekuzzjoni ta 'dak is-servizz;
3. **U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi,** volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'għajjat u ġlied;

4. **U aktar talli fl-istess dati, lok, ħin u ċirkostanzi**, sar reċidiv a terminu ta' l-Artikolu 49, 50 u 289 et sequitur tal-Kodiċi Kriminali b'sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

   Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Il-Qorti ġiet mitluba toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkużat sabiex tipprovdi għas-sigurtà tas- **SM 043 Paul Dimech** jew għaż-żamma tal-ordni pubblika, jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leża jew ta' individwi oħra minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, u dan *ai termini* tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta fl-"Assenjazzjonijiet ta' Kawża" mogħti mis-S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti fid-19 ta' Settembru, 2024.

Illi l-ewwel seduta minn din il-Qorti kif preseduta saret fl-20 ta' Novembru, 2024.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

**IL-PROVI**

Mill-**Current Incident Report**[1] jirriżulta li sar rapport mill-Maġġur SM043 Paul Dimech li kien ġie insulentat mill-imputat waqt li kienu skorta mal-imputat f' Awla 5 ġewwa l-Qorti f'kawża preseduta mill-Onor. Maġistrat Dr. Kevan Azzopardi. Quddiem din il-Qorti l-imputat weħel disprezz minħabba imġieba ħażina. L-imġieba ħażina tal-imputat issoktat u meta l-Onor. Maġistrat wissa lill-imputat li kien ser isibu ħati ta' disprezz għat tieni darba, hu wieġbu bil-kliem ***"Neħħi kollox minn hemm ħaqq ghal M***nna"***. Il-Maġistrat issospenda l-kawża u ordna t-tneħħija tal-imputat mill-awla. Hekk kif il-Maġġur Dimech

[1] **Dok.A** a fol.6 et seq

mar biex joħroġ l-imputat mill-awla dan heddu bil-kliem ***"tmissnix għax nagħmik".*** Hawnhekk il-kawża twaqqfet u l-Onor. Maġistrat ordna sabiex l-imputat jiġi skortat il-barra mill-Awla. Ġara iżda li kif kien qed jitneħħa mill-awla Zahra indirizza lil Maġġur Dimech bil-kliem ***"Jien mhux kawża imma ċimiterju niftaħlek", "lanqas taf kif noqtlok", "Niftaħlek il-bieb taċ-ċimiterju"*** u beda joffendieh bil-familja kollha u jgħajru ***"Demel"***. Dimech irrapporta wkoll li x'ħin kienu qegħdin bejn il-bibien tal-awla Zahra prova iħebb għalih bil-krozza u heddu ***"Sparajt fuq pulizija mhux ha niddejjaq nispera lilek***". Wara dan Zahra ġie skortat lura l-ħabs.

Dan ir-rapport ġie konfermat minn **PS2250 Amanda Bunce**.[2]

**Matthew Pike**, Uffiċjal Korrettiv, xehed li nhar id-9 ta' Jannar 2024 meta l-imputat kien quddiem l-Onor. Maġistrat Dr. Kevan Azzopardi, wara l-atteġġjament ħażin tiegħu lejn il-Qorti, ġie mwissi mill-Maġistrat u nħareġ il-barra mill-Awla wara li l-Maġistrat għamel ordni f'dan is-sens. Ġara li **l-imputat qal lil Maġġur** ***"jiena ma ddejjaqtx nispera fuq il-pulizija aħseb u ara fuqek"*** u prova jtieh daqqa bil-krozza. **Ma laqatx lil Maġġur għax inżamm mix-xhud u skorti oħra.**[3]
Il-**Maġġur Paul Dimech** spjega kif kien wara nofsinhar meta quddiem l-Maġistrat Dr. Kevan Azzopardi, li kien qed jaħdem f' Awla 5, kienet qed tinstema' kawża fil-konfront tal-imputat. *"..f'ħin minnhom il-Maġistrat waħħlu disprezz, imbgħad reġa' ċanfru, basically imbghad qalilna l-Maġistrat 'kaxkruh il-barra'. Minn hemm mort ngħinu biex jerfa' l-karti għax jekk forsi taraw kellu ħafna karti miegħu, u* ***kif rani ha mmisslu xi karti beda jgħajjat u hekk, offendini wkoll......ħin minnhom żgur qalli 'jien sparajt fuq il-pulizija, aħseb u ara fuqek'****. Kif irnexxielna noħorġu bih barra hemmhekk offendini, saħansitra anke* ***ried itini bil-krozza u heddidni li joqtolni wkoll u baqa jgħajjat u joffendini ..... 'F'o** ommok, f'o** kemm għandek'....anke qalli 'nibgħat in-nies għalik avolja qiegħed ġewwa'"****.*[4]

**Mark Pavia**, Uffiċjal Korrettiv, ikkonferma l-verżjoni mogħtija mix-xiehda ta' qabblu w żied li dan ġie mkeċċi mill-awla għaliex beda jgħajjat u jidgħi. Semma li kif l-imputat ra lil Maġġur SM43 Pawlu Dimech imur biex jiġborlu l-karti beda jgħajjat u jidgħi u qallu li kif ma beżax jispara għall-pulizija ma kienx ser jibża jispara fuqu. Beda wkoll joffendieh bil-kliem *"F'o** kemm għandek"*. Kif Zahra inħareġ mill-awla, dan ***"Ried itieh daqqa ta' krozza u qallu npattihielek....Jgħajjat u jidgħi l-ħin kollu.....jidgħi b'Alla u l-Madonna".***[5]

---

[2] Fol.140-141
[3] Fol.147
[4] Fol.149-150
[5] Fol.151-153

L-**Ispettur Elliot Magro** xehed kif fid-9 ta' Jannar 2024 waqt kawża fil-konfront tal-imputat li kienet qed issir quddiem il-Maġistrat Dr. Kevan Azzopardi f'Awla 5, u li fiha hu kien l-uffiċjal prosekutur, hekk kif beda jressaq ix-xiehda tiegħu l-imputat beda jgħaddi kummenti lejn ix-xhud. Kien hemm li L-Maġistrat Azzopardi, wara diversi twiddib, qallu li għandu disprezz. Zahra għamel ftit ħin kalm. Kif tela' jixhed PS661 l-imputat beda jgħid lill-avukat tiegħu li mhux PS661 kien hemm iżda PS130 u għalhekk ġie mwiddeb kemm mill-Maġistrat ghal diversi drabi kif ukoll mill-Avukat tiegħu li beda jgħidlu jżomm il-kalma. Kif Zahra reġa' għolla leħnu l-Maġistrat qallu li ser itieh disprezz ieħor u kien hemm li l-imputat qal lil Maġistrat *"'neħħi kollox minn hemm' fis-sens għad-disprezz, jiġifieri ħassar id-disprezz u ġibidha, dagħa bil-Madonna." Kien hawn li l-Maġistrat ordna li l-kawża tiġi posposta sakemm l-imputat jikkalma. Zahra kellu xi karti mifruxin fuq il-mejda tal-awla u baqa għaddej bil-kummenti u jgħajjat "u l-Maġistrat qallu 'erfa kollox hemm, imbghad beda ġej il-kliem... **'għax jien ala l-ħanżir z**bi'** u ġabar l-affarijiet u l-Maġistrat Azzopardi reġa' taha struzzjonijiet lill-uffiċjali tal-ħabs sabiex jeskortawh il-barra mill-ewwel. Hemmhekk kif marru l-uffiċjali tal-ħabs, fosthom ċertu **Maġġur Dimech, qabadlu jdejh biex joħroġ il-barra għaliex is-siġġu tar-roti ma setgħax jidħol mill-bieb tal-awla u beda jgħidlu 'lili tmissnix, lili ma tmissnix', qallu 'tmissnix għax nagħmik'** u hemmhekk kien hemm il-bieb miftuħ.....jien minn hawn ġewwa bqajt nisma' ħafna għajjat, u f'ħin minnhom **fetaħ il-bieb il-Maġġur tal-ħabs u qallu 'tini ċans ha niftaħ il-bieb' u qabeż is-Sur Zahra u qallu 'jien niftaħlek imma l-bieb taċ-ċimiterju'**. U fost ħafna għajjat bdejt nisma', ma nafx lil min beda jindirizzax, imma qal ovvjament lill-uffiċjali tal-ħabs ….**'jiena sparajt fuq il-pulizija ma inix se niddejjaq nispara fuqek'**….tant skalat li l-Maġistrat imbghad iddeċieda li jiddiferixxi l-kawża…. Jiena u s-surġent 661 li kien qed jixhed bgħatu biex joħroġ il-barra mas-Sur Zahra, biex jieħu wkoll notamenti ta' x'inhu jingħad….".*[6]

L-imputat **Joseph Zahra** għażel li jieħu l-pedana tax-xiehda. Ix-xiehda tiegħu iżda, kienet aktar karatterizzata fuq fatti li jmorru lil'hinn mill-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu fejn aktar minn xejn ħareġ biċ-ċar kemm l-imputat irid juri li hu l-fuq mill-Liġi fejn sahansitra jtenni li hu bniedem li jasal u fejn anke mar ghal bniedem b'*revolver*!![7]

Rigward l-inċident li nqala kemm ġewwa kif ukoll barra l-Awla Nru.5 l-imputat jixhed li fid-9 ta' Jannar wara nofsinhar waqt kawża li kienet qed titmexxa fil-konfront tiegħu w fejn hu kellu ħafna karti biex juri kemm kien dilettant tal-għasafar,[8] qam battibekk bejnu u l-uffiċjali tal-*animal welfare*. Jispjega *"Għax xħin ħriġt barra jien, lilu għamilt għalih, mhux għal Pawlu għamilt,*

---

[6] Fol.155-156
[7] Fol.164B
[8] Fol.164A

*għamilt għall-Welfare insomma, jien mhux lilu kellimt ħażin, jien kulma għidt, mhux lilu għidt, lilu m'għidtlu xejn għax jien lili dak il-ħin m'għamilli xejn, daħal ħdejja qagħad bilwieqfa, qalli, "imxi 'l barra, imxi 'l barra!" qalli Pawlu Dimech il-maġġur. U dan qabad il-karti, geżwirhom hekk, tefagħhom ġol-bixkilla, ġol-din tal-imħadda....".*[9]

Zahra jammetti li Dimech ma kien qallu xejn u li hu kien qed jargumenta mal-uffiċjali tal-animal welfare. Jiċħad li pprova jaghti daqqa lil Dimech bil-krozza u jisħaq *"U jien m'għamiltx il-krozza hekk biex intih; jien kont ħa naqa', jien kont ħa naqa' u lqajt naqra l-krozza. Mela jien mhux il-krozza trid issalvani!"*[10] L-imputat isostni li l-insulti ma kienux indirizzati lil Dimech u li *"Jien lili dak il-ħin ħassejtni naqra mfixkel, qisni skirt, u skirt mhux għalih għax jiena lili m'għamilli xejn, u jien m'jien ħa nagħmillu xejn. Anzi, jien kull darba ngħidlu, "Ejja ħa nirranġaw bil-kwiet. Ejja ħa nirranġaw bil-kwiet.""*[11]

Iżid li meta għolla l-krozza dan sar fid-direzzjoni tal-uffiċjal tal-animal welfare u mhux lejn Dimech. Ikompli *"U jien ma nippretendix, jien ma nippretendix li uffiċjal tal-ħabs, fih m'għola hawn, ipetpet għajnejh u jibża' minn kollox. Kieku ridt nagħmillu, Sur Maġistrata, mhux nagħmillu, naqilbu saqajh 'il fuq, imma ma rridx nagħmilha tal-hero l-ħabs*[12] ..... [*Il-Qorti: Jiġifieri meta l-krozza resqet viċin tiegħu, dak il-moviment, int għax kont inkazzat, qabżitlek l-erre?] Imma veru kont se naqa' Sur Maġistrat, ...Għax kelli l-uffiċjal warajja u ħassejt lil xi ħadd min jimbuttani. U jew kont se naqa' jew xi ħadd imbuttani, u jiena qbadt il-krozza hekk, hekk, u lqajt ruħi, m'għollejthiex tajthielu ġo rasu."*[13]

L-imputat jiċħad li qal il-kliem li kif spara fuq il-pulizija ma kienx ser jiddejjaq jispara fuq Dimech jew li avolja kien inkarċerat seta' jibgħat in-nies biex isibu lil Dimech *"Le, ma jidhirlix li għidtu Sur Maġistrata. .... Ma jidhirlix. Bis-serjetà qed ngħidlek. U kieku għidtu, jien jiddispjaċini.*[14] *..... U jiena taqbiżli, jiena skartoċċ, bumm, bumm, bumm, mal-ewwel,.... U jiddispjaċini għal li ġara. U qed niskuża ruħi quddiem sħabu.".*[15]

L-**Uffiċjal Korrettiv Justin Ellul** ikkonferma li l-imputat jinsab taħt arrest preventiv fuq każ iehor apparti għal każ odjern.[16]

Ikkunsidrat,

---

[9] Fol.164B
[10] Fol.164C
[11] Fol.164D
[12] Ibid.
[13] Fol.164F-164G
[14] Fol.164H
[15] Fol.164I
[16] Fol.166

Fost il-provi li nġabu l-quddiem mill-prosekuzzjoni jirriżultaw is-segwenti:

Matthew Pike sema lill-imputat jgħid lil Maġġur Dimech *"jiena ma ddejjaqtx nispera fuq il-pulizija aħseb u ara fuqek"*. Rah jipprova jtieh daqqa bil-krozza u jiddikjara li Zahra ma laqatx lil Maġġur għax inżamm mix-xhud u skorti oħra;[17]

Mark Pavia, li skond l-imputat xehed li ma rahx jaghti xi daqqa lil Dimech jixhed li appena Zahra ra lil Dimech ser imur jiġborlu l-karti li kellu mifruxa fuq il-mejda tal-awla infexx jgħajjat u jidgħi u qallu li kif ma beżax jispara għall-pulizija ma kienx ser jibża jispara fuqu. Beda wkoll joffendieh bil-kliem *"F'o** kemm għandek"*. Kif Zahra inħareġ mill-awla, dan ***"Ried itieh daqqa ta' krozza u qallu npattihielek....Jgħajjat u jidgħi l-ħin kollu.....jidgħi b'Alla u l-Madonna".***[18]

L-Ispettur Magro jixhed li hekk kif il-Maġistrat Azzopardi ordna li Zahra jitneħħa mill-awla il-*"**Maġġur Dimech, qabadlu jdejh biex joħroġ il-barra għaliex is-siġġu tar-roti ma setgħax jidħol mill-bieb tal-awla u beda jgħidlu 'lili tmissnix, lili ma tmissnix', qallu 'tmissnix għax nagħmik'** ..... u f'ħin minnhom **fetaħ il-bieb il-Maġġur tal-ħabs u qallu 'tini ċans ha niftaħ il-bieb' u qabeż is-Sur Zahra u qallu 'jien niftaħlek imma l-bieb taċ-ċimiterju'**"*.
Il-Maġġur Dimech jixhed: *"kif rani ha mmisslu xi karti beda **jgħajjat u hekk, offendini wkoll**......ħin minnhom żgur qalli **'jien sparajt fuq il-pulizija, aħseb u ara fuqek'.** Kif irnexxielna noħorġu bih barra **hemmhekk offendini, saħansitra anke ried itini bil-krozza u heddidni li joqtolni wkoll u baqa jgħajjat u joffendini ..... 'F'o** ommok, f'o** kemm għandek'....anke qalli 'nibgħat in-nies għalik avolja qiegħed ġewwa**'".*[19]

Iżda bla dubbju hija x-xiehda dettaljata ta' dak li kien viċin l-imputat hekk kif dan infexx f'delirju kontra il-Maġġur Dimech, **PS661 Christian Grech**. Ix-xhud jiddeskrivi mill-bidu sal-aħħar l-għemil u l-komportament ta' Joseph Zahra. Ix-xiehda ta Grech tissiġilla l-każ ghal prosekuzzjoni! Jixhed:

> *"Waqt li kont qed nghaddi x-xiehda tieghi rigward il-kaz is-Sur Zahra beda l-hin kollu jikkummenta. Jiena ovvjament ma tajtx kaz dak li beda jghid is-sur Zahra imma s-sur Magistrat talbu biex izomm daqsxejn il- kwiet. Ergajt komplejt bix-xiehda tieghi u s-sur Zahra baqa' jtellef. Dak il -mument is-sur Magistrat Azzopardi waqqafni milli nixhed u nforma lis-sur Zahra b' disprezz. Informah ukoll sabiex ma jergax jinterrompi x-xiehda tieghi. Is-sur Magistrat tani l-go ahead li nista' nkompli u komplejt ix-xiehda tieghi jiena. Kif kont qed nitkellem is-sur Zahra rega' beda jitkellem u minnufih is-*

[17] Fol.147

[18] Fol.151-153

[19] Fol.149-150

*sur Magistrat Azzopardi waqqaf ix- xiehda tieghi u nfurmah li ser itih it-tieni disprezz. Dak il -mument, niskuza ruhi tal-kliem li ha nghid, ha nghid il- kliem ezatt li qal is-sur Joseph Zahra..... ndirizza lill-Magistrat Azzopardi, qallu 'nehhi kollox minn hemm haqq ghall-Madonna'. Dak il- mument il-Magistrat waqqaf milli nkompli bix-xiehda tieghi u talab li jissospendi daqsxejn il- kawza u s-sur Joseph johrog daqsxejn barra. Informa lill-ufficjali tas-sigurta' tal-habs sabiex jeskortawh daqsxejn barra. Fost il-membri tas-sigurta' tal-habs kien hemm il-***Maggur Dimech li kien prezenti hemmhekk gol-awla, u mar <u>biex jassisti</u> lis-sur Joseph Zahra sabiex johorgu barra***. *Dak il-mument is-sur* ***Zahra qallu lill-Maggur Dimech, qallu 'tmissnix ghax naghmik'.*** *Pront il-Magistrat Azzopardi waqqaf il-kawza w ordna li s-sur Joseph Zahra johrog minn gewwa l- awla. L- ufficjali tal-habs li kienu s- sur Dimech u zewg ufficjali ohra ghinu lis-sur Joseph sabiex johrog 'il barra minn gol -awla, u* ***hu u hiereg beda jghaddi hafna kliem fil-konfront tal-Maggur Dimech.*** *Fost dak il-kliem li jiena hadt nota taghhom biex umbaghad wara mort naghmel rapport l -ghassa flimkien mas-sur Dimech, kien hemm il-kliem li qal is-sur Zahra '****jien mhux kawza niftahlek imma c-cimiterju niftahlek'. Kliem iehor li qal 'lanqas taf kif noqtlok'.*** *Ghal diversi drabi waqt li konna hergin jiena wissejtu lil Joseph 'ieqaf u tkompli sejjer hekk, ieqaf'.* ***Joseph fil-konfront tas-sur Dimech baqa' jghaddilu l-kliem u joffendih bil-familja wkoll u diversi kliem ohra, li qallu 'niftahlek il -bieb tac-cimiterju' ghal darb 'ohra. U nsulentah bil- kelma 'demel'.***

*Minn hemmhekk kif hrigna mill-bieb tal-injam ghall-bieb tal-injam l -iehor, bejniethom, dak il-mument kif kien <u>qieghed fuq is-siggu</u> s-sur* ***<u>Zahra kellu krozza f' idejh u prova ha jerfaghha fid-direzzjoni tas-sur Dimech</u>***. *L- ufficjali tal- habs l- ohrajn zammewh milli jerfaghha u bdew isikktuh ukoll. Dak il -hin x' hin konna bejn il -bibien lis -sur Dimech qallu 'tmissnix, sparajt fuq pulizija mhux ser niddejjaq nispara fuqek'. Minn hemmhekk kemm qasam il- kuritur ghal gol -lift, dahal gol -lift u nizzlu isfel.*

Għalkemm Zahra jixhed - *"U jien m'għamiltx il-krozza hekk biex intih; jien kont ħa naqa', jien kont ħa naqa' u lqajt naqra l-krozza. Mela jien mhux il-krozza trid issalvani!"*[20] - ix-xiehda tas-surġent Grech tikkontradixxi dik tal-imputat peress li fil-ħin li seħħ dan l-aġir indirizzat lil ħadd għajr Dimech, Zahra kien fuq is-siġġu tar-roti jitmexxa l-barra minn uffiċjali oħra tal-ħabs.

Tassew li l-verżjoni tal-imputat, fejn saħansitra jasal jiċħad li f' xi ħin hedded jew kellem b'mod dispreġġattiv lil Maġġur Dimech, mhi korroborata minn ebda dettal. Anzi l-provi li nġiebu l-quddiem jiżmentixxu dik il-verżjoni.

<u>L-ewwel żewġ imputazzjonijiet</u>

L-ewwel imputazzjoni tirrigwarda r-reat kontemplat bl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li t-tieni imputazzjoni, dak sanċit bl-artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminali.

[20] Fol.164C

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Daniele Festari u Redeemer Bonnici,** każ li kien jikkonċerna uffiċjali tal-pulizija, saru bosta konsiderazzjoni li jsibu applikazzjoni għal każ in deżamina ghalkemm hawn hemm il-Maġġur Dimech hu uffiċjal tal-Ħabs. Fiha intqal:[21]

> Illi bid-dovut rispett, il-ġurisprudenza tgħallem li Pulizija mhux qiegħed hemm biex targumenta miegħu jew biex jiġi użat minflok "punching bag", kif b'xorti ħażina qiegħed jidher li qiegħed jiġri tul dawn l-aħħar snin. Għalkemm huwa fattur pożittiv li matul is-snin saret kampanja sħiħa ta' għarfien liċ-ċittadini dwar x'inhuma d-drittijiet tagħhom li jitnisslu minn għixien f'soċjeta ħielsa u demokratika, matul din it-triq pero ħafna mill-istess ċittadini insew warajhom x'inhuma l-obbligi tagħhom lejn is-soċjeta u x'inhu r-rispett lejn l-Awtorita' ……
>
> Il-ġurisprudenza tgħallem li mal-Pulizija ma targumentax, anke jekk wieħed iħoss li l-azzjoni tagħhom mhix ġusta. L-imputat kien fid-dmir li, mingħajr paroli u xenati żejda, jobdi l-ordnijiet leġittimi li kienu ġew mogħtija lilu mill-Pulizija sabiex jitlaq minn fuq il-post mingħajr aktar inkwiet.
>
> L-ordnijiet leġittimi mogħtija mill-Pulizija liċ-ċittadin ma humiex hemmhekk biex jiġu kkonstestati, argumentati, mkasbra jew injorati sommarjament mir-riċevent għax hekk iħoss jew għax hekk jidhirlu. Dawn l-ordnijiet leġittimi qeghdin hemmhekk biex jiġu obduti – dejjem u mingħajr dewmien, għalkemm bla preġudizju għad-dritt ta' dak li jkun li jirreklama **wara** l-ġustizzja intrinseka ta' dik l-ordni.[22] Altrimenti kieku dan ma kienx hekk kien ikun ifisser li kull persuna jkollha l-jedd taġixxi kif trid u kif jogħġobha mingħajr ħadd ma jista' jżommha jew irazzanha:- kulħadd jagħmel li jrid u jogħġbu ikunu xi jkunu l-azzjonijiet tiegħu. Bid-dovut rispett għal min jaħseb hekk, din hija filosofija li twassal biss għall-kaos u fejn allura tirrenja l-liġi tal-ġungla u mhux l-Istat tad-Dritt…….. [sottolinejar tal-Qorti]
>
> Iżda anke jekk għall-grazzja tal-argument Bonnici kellu raġun iħossu inġustament arrestat, ir-reazzjoni tiegħu ma kellhiex tkun dik deskritta mill-Pulizija li xehdu f'dan il-każ. L-iżball li għamel l-imputat kien li meta ħassu aggravat bid-deċiżjoni tal-Pulizija huwa ma rrikorriex għall-metodu legali biex jagħmel ir-rimostranzi tiegħu ċjoe li **jobdi l-ordni leġittimu mogħti mill-pulizija bla dewmien, salv id-dritt li wieħed jirreklama dwar il-ġustizzja intrinsika ta' dik l-ordni.** Kieku għamel hekk l-effetti ta' dan l-inċident ma kienux ikunu daqshekk gravi kontrih. Iżda b'xorti ħażina l-imputat ma għamilx hekk u għażel li jħalli t-tempra tagħmel bih, u rrikorra għal aktar minn sempliċi rimostranza. U jekk kellu raġun, issa spiċċa li poġġa lilu nnifsu fit-tort.
>
> Issa għalhekk f'dan il-każ ta' Redeemer Bonnici l-Qorti tqis li għandu japplika dak li għallem l-Imħallef William Harding fil-każ ***Il-Pulizija vs John Mallia*** deċiż nhar il-21 ta' Mejju 1960 fejn qal li : -
>
> > Jekk wiehed jindahal fid-doveri tal-pulizija u juza mhux biss "vie di fatto", imma vjolenza effettiva allura hu jkun hati ta' attakk u rezistenza lill-Pulizija a differenza tal-kaz, fejn ikun hemm semplici kliem oltragguz jew semplici minacci jew "mera inazione". Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta'

---

[21] Per Onor. Maġistrat Aaron Bugeja; Deċiża 30 ta' Settembru, 2015

[22] Il-Pulizija vs Maria Victoria Sive Marvic Attard Gialanze, Qorti tal-Appell Kriminali, per VDG, 25 ta' Ġunju 1997.

> proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.

…….

Il-Qorti terġa ttenni dak mistqarr aktar il-fuq fis-sentenza ġja ċitata ***Il-Pulizija vs John Mallia*** deċiż nhar il-21 ta' Mejju 1960 fejn l-Imħallef Harding qal li : -

> Fil-kaz tal-persuna li tkun f'idejn il-Pulizija jista' talvolta jkun hemm certa tolleranza, billi dik il-persuna tkun qeghda tirrezisti lill-Pulizja ghax tkun spinta mix-xewqa naturali tal-liberta' proprja; imma din it-tolleranza tispicca malli dik il-persuna tispingi jdejha fuq il-membri tal-Pulizija li jkunu qeghdin izommuha biex toffendihom fil-persuna taghhom u tmur oltre s-semplici sforz biex tevadi l-arrest.

Jirriżulta li meta seħħ dan l-inċident u ps 887 ġie mbuttat lura, huwa kien qiegħed fil-mument tal-eżekuzzjoni tad-doveri tiegħu kif ukoll jeżerċita setgħa fil-vesti tiegħu ta' persuna inkarigata minn servizz pubbliku. Il-Qorti ssib ukoll li l-Pulizija de quo, ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija, ġie attakkat (jew aħjar attakkati – għax kien hemm aġenti tal-pulizija oħra li sofrew konsegwenzi) bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, **fil-waqt** li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti.

Din l-intepretazzjoni tal-konkomitanza bejn il-waqt ta' meta l-uffiċjal pubbliku jkun qiegħed jaġixxi għall-eżekuzzjoni tal-liġi **u** l-attakk jew reżistenza hija sorretta kemm mill-ġurisprudenza kif ukoll mid-dottrina. Hekk per eżempju fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-każ ***Il-Pulizija vs Lawrence Attard*** deċiż mill-Prim Imhallef Emeritus Vincent de Gaetano nhar it-12 ta' Settembru 1996 ingħad li :

> biex jissussisti r-reat ikkontemplat fl-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali (re:attakk jew rezistenza kontra ufficjal pubbliku) irid ikun hemm mhux biss attakk jew opposizzjoni ossia rezistenza kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, izda ukoll li dana l-attakk jew rezistenza isir bi vjolenza jew b'hebb u jsir waqt li dik il-persuna tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni moghti skond il-liġi mill-awtorità' kompetenti. Meta ufficjal tal-pulizija jintima li jkun ser jarresta lil xi hadd, jew ikun effettivament qed jipprocedi biex jarresta lil xi hadd, jew ikun ga' arresta u qed izomm lil xi hadd arrestat, huwa jkun certament qieghed jesegwixxi l-liġi. Izda meta ufficjal tal-pulizija jkun qighed jipprova jipperswadi lil xi hadd bil-kelma t-tajba sabiex iwarrab minn fuq il-post u ghalhekk minghajr ma dak il-pulizija jezercita s-setgha tieghu li jarresta, ma jistax jinghad li dak il-pulizija jkun qed jagixi "ghall-esekuzzjoni tal-liġi" fis sens ta' l-artikolu 96, ghalkemm huwa jkun qieghed jaghmel is-servizz pubbliku tieghu fis-sens ta' l-artikolu 95.

Inoltre, fil-kaz ***Il-Pulizija vs Joseph Zahra***, deċiż nhar id-9 ta' Settembru 2002 mill-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Prim Imħallef Emeritus Vincent de Gaetano intqal li :

> Skond l-Artikolu 96(a) tal-Kodici Kriminali jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun "persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-liġi jew ta' xi ordni moghti skond il-liġi minn xi awtorità` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu

95(1) - "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz.

Oltre minn hekk l-istess interpretazzjoni dwar il-konkomitanza tidher li tingħata mid-dottrina. Minbarra dak imsemmi mill-Professur Mamo fin-Noti tiegħu, hekk kif is-silta l-aktar rilevanti ġiet citata mill-abbli Avukat Difensur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jirrizulta wkoll minn diversi awturi li din ir-rabta mal-waqt li jkun hemm l-eżekuzzjoni tal-liġi hija meħtieġa. Hekk per eżempju fil-"**Commentario Teorico-Pratico del Codice Penale**", Torino, 1860, fol 361, il-**Farrarotti**,waqt li jikkommenta inter alia fuq id-disposizzjonijiet simili fil-Kodiċi Penali ta' diversi Stati Taljani, inkluż dak tar-Regno delle Due Sicilie (li kien jipprovdi għar-reat ta' "ribellione" li fuqu l-Artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali Malti jidher modallat), jagħti s-segwenti eżempju : -

8. Giusta la generale disposizione di questo articolo, si verifica reato di ribellione tuttavolta venga commesso omicidio sulla persona di un carabiniere reale, **nell'atto stesso ch'egli agisce per l'esecuzione delle leggi e degli ordini dell'autorita' pubblica e trovasi cosi' nell'attuale esercizio delle sue funzioni** – *Cass. 31 marzo 1857, ricorso Orsi ed altri – Bettini 1857, Parte 1, p. 318, seg."* (Enfazi mizjuda).

Skont il-**Carrara**, fil-**Programma**, Parte Speciale, Volume 5, Lucca, 1868, f'pagni 357 u 358, paragrafi 2743 u 2744 jirriżulta car li dan ir-reat ta' "resistenza" – (li huwa jippreferi jsejjaħ minflok "ribellione" u dan fuq it-tagħlim tal-**Carmignani**) li hija fil-bażi ta' dan ir-reat trid issir fil-konfront tal-uffiċjali ezercenti awtorità pubblika u l-elementi materjali u formali iridu jiġu riflessi l-ezercizju tal-azzjoni pożittiva ta' kommissjoni li turi "l'antagonismo di due forze che vicendevolmente tendono a conflittarsi" u ċioe l-*vires* privat ma dak pubbliku. Din il-Qorti tifhem għalhekk antagoniżmu li allura jippresupponi konkomitanza fl-eżercizzju tiegħu.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sean Sinclair Pace** ntqal:[23]

Illi l-artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja, it-theddid jew l-offiza fil-konfront ta'l-ufficjal pubbliku. Issa din l-ingurja, theddida jew offiza trid issir jew (1) filwaqt illi l-ufficjal pubbliku ikun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li ikun ghamel dana is-servizz pubbliku, (3) jew bil-hsieb li ibezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-oltragg fl-ewwel istanza u dana il-mottiv fit-tieni u it-tielet istanza imsemmija fil-liġi. Dana billi meta dan l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku ikun qieghed jaghti is-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja, it-theddida jew l-offiza tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa ikun qieghed jezercita. L-awturi **Cheveau et Helie**, li isemmi il-**Professur Mamo** fin-notamenti tieghu, ighidu:

"*Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il-motivo che lo determina e' indifferente; la legge vede soltando il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignita'; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre*."

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra irid ikun jigi ippruvat *nexus* bejn l-oltragg u il-qadi tal-funzjoni pubblika billi l-att materjali ma ikunx gie kommess filwaqt tal-qadi tal-funzjoni pubblika.

[23] Appell Numru 519/2015; Per Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, 26 ta' Mejju 2016

L-artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana ir-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi meta ikun hemm biss disubbidjenza tal-liġi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorità', ma tistax tissussisti r-reita taht din id-disposijoni tal-liġi. Il-Mamo ikompli ighid: "*It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith.*"

Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi komess fil-konfront ta'ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-liġi "persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku".

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku irid isir filwaqt illi huwa ikun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni moghtija skond il-liġi minn awtorità' kompetenti. Il-Mamo ikompli ighid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Ikkunsidrat,

Il-fatti ta′ dan il-każ jinkwadraw wriehom fir-reat prospettat bl-ewwel imputazzjoni u ċioe dak kontemplat bl-Artikolu 95 tal-Kodiċi Kriminal. Fl-ebda ħin ma jista′ jingħad li l-aġir, irriverenti għall-aħħar, tal-imputat, wassal sabiex l-eżekuzzjoni tal-liġi jew dik tal-ordni mogħtija mill-Qorti, ġiet ostakolata.

Ġie wkoll soddisfaċentement ippruvat li kien hemm ksur tal-bon ordni da parti tal-imputat, li kellu jinħareġ mill-awla bil-forza fost ħafna għajjat, kliem ħażin, insulti w theddid.

Dwar l-addebitu tar-reċidiva minkejja il-litanija ta′ sejbien ta′ ħtija li l-fedina penali tiegħu hi imtebba bihom, ma tressqet lanqas sentenza waħda biex jiġi pruvat dan l-addebitu.

**Piena**

In konsiderazzjoni tal-piena l-Qorti qieset in-natura tar-reati li qed tinstab ħtija dwarhom, tal-karattru refrattarju tal-imputat kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, mhux anqas l-ossessjoni li dan l-individwu għandu bl-inkartament li jġorr miegħu għal kull seduta anke jekk, kif ikkonstatat il-Qorti tul dawn il-

proċedimenti, ma jkollhom l-ebda konnessjoni mal-każ li jkun qed jitmexxa fil-konfront tiegħu.

Il-karattru iraxxibili, impulsiv w aggressiv tal-imputat li f'kull ħin jagħmel premura li hu bniedem li ma għandux limiti, fejn ma jżommx lura minn għemil sanzjonat inkluż dak ta' natura vjolenti, fejn jiftaħar li lill-uliedu għallimhom sabiex fejn meħtieġ jużaw vjolenza, ħareġ b'mod mill-aktar ċar fl-atteġġjament tiegħu fil-konfront tal-Maġġur Dimech li l-iżball uniku tiegħu kien li obda l-ordni tal-Qorti biex jitneħħa minn quddiemha l-imputat, u propju minħabba d-*disruptive behaviour* li wera quddiem il-Qorti f'Awla 5.

Il-fatt li diversi kienu l-kliem ta' theddid indirizzati lejn Dimech biex ma jingħad xejn dwar il-gravità ta' tali theddid, qed jiġi rifless fil-piena li ser tiġi erogata. Fl-aħħar nett il-Qorti qieset li l-imputat talab skuża għall-għemil tiegħu.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 95 u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel imputazzjoni, issibu ħati tat-tieni w it-tielet imputazzjoni u tikkundannah għal piena ta' **erba' (4) xhur priġunerija** li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel f' arrest preventiv in konnessjoni ma dan il-każ. Inoltre l-Qorti qed tikkundanna lill-imputat għall-ħlas ta' multa ta' **tlett elef ewro (€3,000)**.

Finalment u fuq talba tad-difiza, il-Qorti tissoleċita lil *Criminal Records Office* fi ħdan il-Pulizija Eżekuttiva sabiex ikun assigurat li l-fedina penali tal-imputat tiġi emendata sabiex jiġi assigurat li ma tkomplix turi reati li jappartjenu terz bl-istess isem, li f'dan il-każ jidher li hu missier l-imputat. Jidher li d-difiza għanda raġun tqajjem l-ilment tagħha fir-rigward tenut kont li fol.11-12 tal-fedina penali esibita tirreferi ghal-reati li suppost wettaq l-imputat waqt li kien qed isuq karozza tal-linja u dan meta kellu biss bejn għaxar (10) snin u sbatax (17) il-sena u ċioe fis-snin 1963-1970.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech**
**Maġistrat**